KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 6/5/194/12

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 5 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 12 ta' Lulju 2012. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skuzati.. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku ppressjeda din il-laqgha.

## 2) Korrispondenza

2.1 –**Ittri mis-Socjeta' Filarmonika G.M Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re, mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan, mill-Ghaqda Nar u Armar Parrocca Madonna ta' Lourdes u mill-Kummissjoni Festa Kristu Re** - Is-Sindku qal li rcevejna korrispondenza biex isir reklam fil-fuljetti tal-festa.

2.1.1 – Il-Kunsillier Attard qal li hu jaqbel li l-Kunsill jaghti daqs kemm nghata lill-iskola primarja.

2.1.2 – Is-Sindku staqsa jekk hux kulhadd jaqbel li jkollna *threshold* ghar-reklami.

2.1.3 – Il-Kunsillier Attard staqsa x'tghid il-ligi fuq kemm il-Kunsill jista' jaghti flus ghar-reklami. Hu zied jghid li hu jaqbel sakemm il-Kunsill Lokali jkun kopert bil-ligi.

2.1.4 – Wara diskussjoni sar qbil li ma ssirux reklami ta aktar minn €100 bil-VAT inkluz.

2.2 – **Ittra mill-Kumitat Festa Kristu Re** – Is-Sindku qal li l-Kummissjoni qed jitolbu li jarmaw ~~gabbana ghal~~ waqt il-granet tal-festa kristu Re.
stand għal fundraising

2.3 – Is-Sindku qal li ser issir bibita' lill-bandisti tas-Socjeta' Filarmonika G.M Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re, tal-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan u tal-Parrocca Madonna ta' Lourdes.

2.4 – Is-Sindku qal li ser jingieb bowser tal-ilma qabel u wara l-Festa Kristu Re. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

2.5 - Saret diskussjoni dwar il-public convenience ta' Gnien Pawlu Boffa. Is-Sindku ssuggerixxa li jew issir klawsola jew nbiddlu l-hin biex il-public convenience tibqa' aktar miftuha ghaliex kien hemm din id-domanda minhabba li filghaxija qed ikun hawn hafna nies il-bandli.

2.5.1 – Il-Kunsillier Attard qal li l-Kunsill ma jistax ivarja aktar minn 10% skond il-kuntratt.

2.5.2 – Wara diskussjoni, sar qbil li s-Segretarju jew Sindku jkellem lill-kuntrattur dwar dan u tibda tinfetah sad-9.00pm minn ghada sal-ahhar ta' Settembru sa kemm l-istima tkun taht il varjazzjoni permessa fit-tender..

2.6 – Saret diskussjoni biex kull meta jkun hemm bzonn jingieb bowser tal-ilma biex jahsel Gnien Pawlu Boffa sa Settembru

2.7 – **Ittra mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern dwar Re: Pace Grasso Sports Ground, Triq Guze' D'Amato, Paola** – Is-Sur Josef Agius baghat ittra lill-Kunsill dwar kontijiet pendenti. Is-Sindku kellu jinvestiga l-kas.

2.8 – **Ittra minn Scouts tal-Marsa** – baghat ittra biex jittrenjaw gol-grawnd Pace Grasso. Wara diskussjoni sar qbil li jghamlu uzu mil ground bil kundizzjoni li meta l- Kunsill jkollu bzonn is-servizz taghhom dan jinghata bla hlas

2.9 – **Attivita' dwar Jum Paola** – Saret diskussjoni biex l-attivita' dwar Jum Paola ssir nhar is-Sibt 25 ta' Awissu 2012.

2.10 – **Ittra mis-Sur Roderick Abela** – Is-Sur Abela baghat ittra dwar talba biex jaghmel vending machine hdejn l-ufficini tal-Kunsill u ser jaghti s-somma ta' €233.00 fis-sena bhal ringrazzjament lill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill ma approvawx. Wara diskussjoni sar qbil biex il-Kunsillier Lynch jiccekkja ma' xi kumpaniji dwar dan.

2.11 – **Ittra mill-Kummissjoni Festya Kristu Re – Paola** – Is-Sur John Abela baghat ittra biex jinforma lil Kunsill dwar il-programm tal-Festi Esterni 2012.

2.12 – **Ittra mill-Physically Handicapped Rehabilitation Fund** – Is-Sinjura Georgia Tabone baghtet ittra dwar installazzjoni ta' 2 bozoz godda fil-premises tal-Ghaqda taghha. Wara diskussjoni, gie deciz li din hija area privata u l-kunsill legalment ma jistax jidhol f'areas privati. Gie deciz ukoll li tintbaghat ittra biex ninfurmawhom b'dan.

2.13 – **Ittra mill-MEPA** – Is-Sur Austin Walker baghat ittra lill-Kunsill biex issir laqgha bejn l-Awtorita' u l-Kunsll Lokali. Is-Sindku qal biex nipproponu laqgha mal-MEPA u l-ahjar li nlestu xi punti biex nitkellmu dwarhom.

2.14 – **ittra mis-Sur Stephen McCarthy** – saret talba biex il-Kunsill Lokali jaghmel it-tarmak mad-dawra tat-torrijiet bejn Triq Ninu Cremona u Triq l-Arkata. Il-Kunsillier Attard qal li kien hemm fondi li jammontaw ghal Lm 15,000 mill-MEPA biex isiru dawn it-toroq. Wara diskussjoni, sar qbil li nikkonsultaw mal-MEPA dwar dan u naraw xi spejjes tinvolvi.

2.15.1 – **Ittra minn TM** – Is-Sur Josie Brincat baghat ittra dwar 2 *motorcycle bays* mhux approvati li saru bejn Triq San Gorg u Triq il-Wied, Paola.

2.15.2– Il-Kunsillier Axisa qal li hemm xi sinjal fi Triq Sammat.

2.15.3– Is-Segretarju qal ukoll li sar bicca *yellow line* fi Triq il-Qalb ta' Gesu.

2.16 – Il-Kunsillier Axisa qal li ser isir progett ghaz-Zghazagh bl-isem "A Stronger Community Youth Empowerment". Hu zied jghid lid an id-dokument ghamluh hu, il-Kunsillier Attard, is-Segretarju u Dr.Malcolm Borg u li f'nofs Settembru ser issir *public consultation* dwaru.

2.17 – Is-Sindku semma' l-un/loading li saret fi Triq il-Qalb ta' Gesu'. Hu qal ukoll li ghalkemm jifhem lir-residenti, ~~li l-avukat tal-Kunsill baghat is-suggerimenti tieghu dwar dan. Hu kompla jghid li m'ghandniex immorru kontra l-avukat.~~ Ma nistghux immorru kontra dak li tghid il-ligi, u ghalhekk ser nipprocedu skond il-pariri tal-avukat.

2.17.1 – Is-Segretarju qal li ghada hemm il-Qorti ma' tal-forn.

2.17.2 – Saret diskussjoni dwar dan fejn sar qbil dwar il-hinijiet tal-*un/loading* mit-8.30am-12.00pm u mill- 4.00pm-7.00pm.

2.17.3 – Il-Kunsillier Axisa qal li filwaqt li hu m'ghandu xejn kontra s-sid tal-forn, hu ma jaqbilx mal-hinijiet kif ppropona l-Kunsill Lokali. Hu zied jghid ukoll li l-ewwel interess hu tar-residenti bhala Kunsillier elett mill-poplu u ghalhekk huwa jaqbel li din ghandha tkun ghal mhux aktar minn darbtejn fil-gimgha.

4) **<u>Proceduri godda ghall-Kunsill Lokali Paola</u>**

4.1 – Dan l-item ser jigi diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

4.2 – Il-Kunsillier Attard nforma lill-Kunsill li hu qal lil iskrivana tal-Kunsill biex tnaqqaslu t-taxxa mill-onorarja.

6) **Aggornament**

6.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-7.45pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 2 ta' Awissu 2012 fil-5.30pm.

Approvati llum 02/08/12

Kevin Borg

Segretarju

Roderick Spiteri

Sindku